Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,647, 18 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 259 tal-2021

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

ORDINANZA TAD-DWANA (KAP. 37)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw Regolamenti Varji dwar id-Dwana

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet u l-artikolu 80 tal-Ordinanza tad-Dwana, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw Regolamenti Varji dwar id-Dwana. Titolu.

TAQSIMA I

Emendi għar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għall-Ħruġ ta' Faxex jew Bolli taħt it-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa

2. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għall-Ħruġ ta' Faxex jew Bolli taħt it-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għall-Ħruġ ta' Faxex jew Bolli taħt it-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali". Jemenda r-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu għall-Ħruġ ta' Faxex jew Bolli taħt it-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa. L.S. 35. 32.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "bolli" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "bolli tas-sisa". Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 2 għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

"2. Id-dritt li għandu jitħallas lill-Kummissarju għall-ħruġ ta' bolli tas-sisa jew faxex taħt id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa għandu jkun, għal kull bolla tas-sisa jew faxxa:

(a) €0.0049 fil-każ ta' Wet Glue Banderol għas-sigaretti;

(b) €0.01545 fil-każ tat-tabakk tal-brim; u

(ċ) €0.05 fil-każ tat-tabakk tal-pipa tal-ilma (magħruf ukoll bħala tabakk tas-shisha).".

TAQSIMA II
Emendi għar-Regolamenti tad-Dwana

Jemendar-Regolamenti tad-Dwana. L.S. 37. 05.

5. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti tad-Dwana u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tad-Dwana, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "r-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

6. Is-subregolament (4) tar-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) u għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) kull meta l-attendenza ta’ uffiċjal tad-Dwana tkun meħtieġa fil-ħinijiet normali tax-xogħol u l-uffiċjal juża t-trasport personali tiegħu, għandu jintalab ħlas għat-trasport bir-rata kif stabbilita bis-saħħa tal-artikolu 15 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: Kap. 595.

Iżda ma għandhom jintalbu ebda ħlasijiet għal nollijiet ta’ traġitt bejn Malta u Għawdex, u għal kull kilometru li jsir ġewwa Għawdex:

Iżda wkoll meta l-attendenza ta’ uffiċjal tad-Dwana tingħata f’ħinijiet li ma jkunux ħinijiet tax-xogħol normali, il-ħlas għat-trasport għandu jiġi kalkolat kif stabbilit fil-paragrafu (a) ta’ hawn fuq flimkien ma’ ħlas addizzjonali ta’ tliet euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49), liema ħlas addizzjonali jitniżżel għal euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1.75) kull meta l-attendenza tinbeda jew tintemm filwaqt li l-uffiċjal ikun fil-perijodu tiegħu ta’ servizz.".

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

7. Il-paragrafu (ċ) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 56 għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid

li ġej:

"56. (1) Il-formuli li jinsabu fir-Raba' Skeda għandhom jitqiesu, bis-saħħa ta' dan ir-regolament, li huma l-formoli li hemm referenza għalihom fl-Ordinanza tad-Dwana kif ukoll fil-liġijiet sussidjarji tagħha. Kap. 37.

(2) Il-formoli numru 1(ii), 1(iii),1(iv), 1(v) u 1(vi) għandhom jimtlew flimkien mal-formola numru 1(i), skont kif jitlob il-Kummissarju.".

9. Il-formola 1a fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-formoli ġodda li ġejjin: Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-Regolamenti Prinċipali.

(a) il-formola bl-isem "Report by Master Form, Form 1(i)" liema formola għandha tkun marbuta mal-artikoli 6 u 52 tal-Ordinanza tad-Dwana;

(b) il-formola bl-isem "Crew List Form 1(ii)", liema formola għandha tkun marbuta mar-regolament 56;

(ċ) il-formola bl-isem "Crew's Effect Declaration Form 1(iii)" liema formola għandha tkun marbuta mar-regolament 56 .

(d) il-formola bl-isem "Ship's Stores Form 1(iv)" liema formola għandha tkun marbuta mar-regolament 56;

(e) il-formola bl-isem "Passenger List Form 1(v)", liema formola għandha tkun marbuta mar-regolament 56; u

(f) il-formola bl-isem "Cargo Declaration Form 1(vi)" liema formola għandha tkun marbuta mar-regolament 56.

B 1938

REPORT BY MASTER
Form 1 (i)

D W A N A

		☐ Arrival ☐ Departure	
1.1 Name and type of ship		1.2 IMO number	
1.3 Call sign		1.4 Voyage number	
2. Port of arrival/departure		3. Date and time of arrival/departure	
4. Flag State of ship	5. Name of master	6. Last port of call/Next port of call	
7. Certificate of registry (Port; date; number)		8. Name and contact details of ship's agent	
9. Gross tonnage	10. Net tonnage		
11. Brief particulars of voyage (previous and subsequent ports of call; underline where remaining cargo will be discharged)			
12. Brief description of the cargo			
13. Number of crew	14. Number of passengers	15. Remarks	
Attached documents (indicate number of copies)			
16. Cargo Declaration	17. Ship's Stores Declaration		
18. Crew List	19. Passenger List	20. The ship's requirements in terms of waste and residue reception facilities	
21. Crew's Effects Declaration (only on arrival)	22. Maritime Declaration of Health (only on arrival)		
23. Date and signature by master, authorized agent or officer			

For official use

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 1939

CREW LIST
Form 1 (ii)

☐ Arrival ☐ Departure ☐ Page Number

1.1 Name of ship					1.2 IMO number			1.3 Call sign		1.4 Voyage number	
`2. Port of arrival/departure					3. Date of arrival/departure			4. Flag State of ship		5. Last port of call	
6. No.	7. Family name	8. Given names	9. Rank or rating	10. Nationality	11. Date of birth	12. Place of birth	13. Gender	14. Nature of identity document	15. Number of identity document	16. Issuing State of identity document	17. Expiry date of identity document
18. Date and signature by master, authorized agent or officer											

B 1940

CREW'S EFFECTS DECLARATION
Form 1 (iii)

DWANA

Page Number

1.1 Name of ship				1.2 IMO number	
1.3 Call sign				1.4 Voyage number	
2. Flag State of ship					
3. No.	4. Family name	5. Given names	6. Rank or rating	7. Effects ineligible for relief from customs duties and taxes or subject to prohibitions or restrictions	8. Signature
9. Date and signature by master, authorized agent or officer					

B 1941

SHIP'S STORES DECLARATION
Form 1 (iv)

D W A N A

		☐ Arrival	☐ Departure	Page Number	
1.1 Name of ship		1.2 IMO number			
1.3 Call sign		1.4 Voyage number			
2. Port of arrival/departure		3. Date of arrival/departure			
4. Flag State of ship		5. Last port of call/Next port of call			
6. Number of persons on board		7. Period of stay			
8. Name of article	9. Quantity	10. Location on board		11. Official use	
12. Date and signature by master, authorized agent or officer					

PASSENGER LIST
Form 1 (v)

DWANA

Arrival ☐ Departure ☐ Page Number ☐

1.1 Name of ship			1.2 IMO number					1.3 Call sign									
1.4 Voyage number			2. Port of arrival/departure			3. Date of arrival/departure		4. Flag State of ship									
5. Family name	6. Given names	7. Nationality	8. Date of birth	9. Place of birth	10. Gender	11. Type of identity or travel document	12. Serial number of identity or travel document	13. Issuing State of identity or travel document	14.Expiry date of identity or travel document	15. Port of embarkation	16. Visa number if appropriate	17. Port of disembarkation	18. Transit passenger or not				
19. Date and signature by master, authorized agent or officer																	

B 1943

CARGO DECLARATION
Form 1 (vi)

		☐ Arrival	☐ Departure	Page Number
	1.1 Name of ship	1.2 IMO number		
	1.3 Voyage number	2. Port where report is made		
	3. Flag State of ship	4. Name of master		
	5. Port of loading/Port of discharge			
B/L No.	6. Marks and Numbers	7. Number and kind of packages; description of goods or, if available, the HS Code	8. Gross weight	9. Measurement
	10. Date and signature by master, authorized agent or officer			